MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 469/2004/1

**Atlas Insurance Limited f' isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Big Ben Interiors Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi**

**vs**

**Concorde International Freight Forwarders Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Frar, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fil-31 ta' Awissu 2004 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tlett elef, u erbatax-il lira

Maltin (Lm3,014) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, rapprezentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata tas-socjeta' attrici u spejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura w il-kustodja tal-konvenuta, liema konsenja waslet Malta fuq il-bastiment MV Victory fit-3 ta' Novembru 2003, liema danni thallsu mis-socjeta' attrici ai termini tal-polza relattiva.

Bl-imghax mill-4 ta' Marzu 2004 u bl-ispejjez kontra l-konvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi ma hemmx ness legali bejn l-atturi u l-eccipjenti;
3. Illi l-eccipjenti ghamlu dak kollu fil-poter taghhom sabiex it-tragitt ikun wiehed minghajr incidenti tan-nuqqas allegat mill-atturi l-eccipjenti ma jahtu bl-ebda mod u ghalhekk mhumiex responsabbli tad-danni talvolta sofferti mill-atturi;
4. Illi l-konvenuti iridu jippruvaw id-danni pretizi minnhom;
5. Illi dan it-tragitt jaqa' u huwa regolat mill-i "Standard Trading Conditions" tal-eccipjenti li huma l-kondizzjonijiet kontrattwali li jirregolaw dan it-trasport – dawn il-kondizzjonijiet kontrattwali jaghmlu operattivi r-regoli ta' CMR li b'hekk jiffurmaw parti integrali mill-kuntratt. In vista ta' dan, id-danni li jistghu jinkorru l-eccipjenti huma limitati skond l-istess regoli ta' CMR u b'hekk is-somma mitluba f'kull kaz hija eccessiva.
6. Illi s-survey mhux danni naxxenti direttament minn nuqqas imsemmija fic-citazzjoni u b'hekk f'kull kaz l-ispejjez taghha ma jistghux jigu attribwiti lill-eccipjenti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda telf ta' merkanzija li giet impurtata Malta mid-ditta Big Ben Interiors Limited fit-3 ta' Novembru 2003 permezz tal-vapur M V Victory.

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' Big Ben impurtat Malta zewg kartuniet drapp mill-Italja. Dawn waslu fit-3 ta' Novembru 2003, izda meta gew nieqsa, is-socjeta' Big Ben ghamlet talba ghar-risarciment mill-kumpanija assiguratrici taghha, illi wara li pprocessat it-talba hallsitha s-somma ta' elfejn, disa' mija u hdax-il lira Maltin (Lm2,911) bhala danni. Is-socjeta' attrici qeda titlob ukoll is-somma ta' mija u tliet liri Maltin (Lm103) bhala *survey fees*.

Il-kontroversja bejn il-partijiet iddur fuq il-fatt jekk il-merkanzija waslitx Malta jew le. Is-socjeta' konvenuta qeda tikkontendi illi fil-fatt il-merkanzija naqset qabel ma waslet Malta u qatt ma dahlet fil-*bonded stores* taghha. Waqt li s-socjeta' attrici qeda tikkontendi illi kien hemm nuqqas serju da parti tas-socjeta' konvenuta, illi minhabba fiha sofriet dak it-telf.

Mhuwiex ikkontesta illi s-socjeta' Big Ben kienet inkarigat lis-socjeta' Concorde sabiex din torganizza t-trasport tal-merkanzija u l-ewwel komunikazzjoni ufficjali bejn iz-zewg kumpaniji kien in-*notice of arrival* [fol. 20] liema dokument qieghed jinforma lis-socjeta' Big Ben Interiors illi l-merkanzija giet "discharged at Hal Far bond" u baghtu wkoll il-kont ta' tnejn u tletin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm32.31). Giet esebita wkoll il-*custioms release order* [fol. 31] bid-data tat-18 ta' Novembru 2003.

Meta s-socjeta' Big Ben baghtet lill-burdnara taghha biex tirtira l-merkanzija, din ma nstabitx fil-post illi kien allokat ghaliha. Jidher illi mall-ewwel is-socjeta' konvenuta bdiet tinnega r-responsabbilita' u tallega illi l-merkanzija qatt ma dahlet fil-*bonded stores* taghha. Tant hu hekk, illi a fol. 23, hemm fax illi giet mibghuta mid-ditta "Sintonia", agenti tas-socjeta' konvenuta, lil "Albini Pittigliani" li kienu qed jiehdu hsieb it-tragit, fejn gie allegat li l-merkanzija "non e' arrivata al port della Valletta …" "Albini Pittigliani" rrispondew fuq l-istess fax meta qalu, " … Nessun problema presso il ns deposito di Pioltello e la merce e' stata regolarmente doganata e caricata." Din iggib id-data tas-26 ta' Novembru 2003. Fax iehor fl-istess data id-ditta "Albini Pittigliani" tghid illi, "Con il-presente tengo a rispondere che tutte le operazzione di tutta ns competenza sono state eseguite con la massima diligenza."

L-unika prova li s-socjeta' konvenuta gabet biex tiggustifika l-allegazzjoni taghha illi l-merkanzija ma waslitx Malta, huwa l-operat tal-*bond operator* Vincent Ciantar fejn spjega illi waqt li kien qieghed isir l-*unstaffing* tal-*container*, waqt illi tkun hierga l-merkanzija, jaghmel cirku man-numru illi jkun qieghed jiddeskrivi dik il-merkanzija partikolari. Irrizulta illi ma hemm l-ebda cirku hdejn in-numru tal-merkanzija illi kienet tirreferi ghal dik migjuba mid-ditta Big Ben. Irrizulta pero', illi minkejja dan, il-merkanzija giet moghtija *location number* sabiex titqieghed fil-*bonded stores*. Izda, Vincent Ciantar spjega illi l-*location number* jigi moghti mad-dokumenti u qabel ma tasal il-merkanzija, sabiex meta tasal u tinhatt ikun hemm post gia allokat ghaliha. Ghalhekk, ma kien hemm xejn stranb, illi minkejja li l-merkanzija ma dahlitx fil-*bonded stores*, gie allokat post ghaliha.

L-istess Vincent Ciantar,pero' a fol. 38 jghid "Meta nhottu l-*container* u naraw li l-merkanzija ma tkunx fil-post, almenu suppost naghmlu nota fuq il-

manifest, u rapport lill-ufficcju. F'dan il-pero', la saru notamenti u lanqas rapport." Fil-prattika qal illi jaghmlu cirku man-numru tal-merkanzija kif deskritta fil-manifest illi jfisser illi tkun inhattet. Izda f'dan il-kaz tal-merkanzija tal-Big Ben ma kienx hemm cirku [fol. 39].

Tonio Bone, li huwa direttur tas-socjeta' konvenuta, qal illi intracca l-manifest illi kellu l-*bond operator* u sab illi l-merkanzija in kwistjoni ma kinitx immarkata b'cirku.

Apparti l-fatt illi dan id-dokument ma giex esebit, il-Qorti jidhrilha illi jezistu provi bizejjed sabiex tikkonkludi illi probbabilment il-merkanzija waslet Malta, inhattet mill-*container* u giet nieqsa mill-*bonded stores* illi kienet responsabbli ghalihom is-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat:

Apparti d-dokumenti mibghuta mis-socjetajiet esteri, fejn jidher illi l-merkanzija giet fil-fatt imqiegheda fil-*container* u mibghuta, hemm ix-xhieda ta' Tonio Bone, li huwa direttur tas-socjeta' konvenuta, illi jghid illi huwa kkuntattja lis-*suppliers* taghhom fl-esteru, u qalulu li l-merkanzija giet *shipped.* L-istess Tonio Bone jghid illi huwa hatt il-*container* b'mod regolari u kien xi granet wara li rrealizza li l-merkanzija ma kinitx fil-post allokat ghaliha. Terga, il-procedura regolari ghan-nuqqas ta' merkanzija waqt l-*unstaffing* tal-*container* ma gietx segwita. Ma hemm l-ebda nota fuq il-manifest u laqas ma sar rapport lill-ufficcju, bhalma lanqas ma hemm xi marka fil-*customs release order* a fol. 21.

Barra minn hekk, u aktar importanti, hemm in-*notice of arrival* mibghut mis-socjeta' konvenuta. Minkejja illi f'parti minn dan id-dokument hemm kliem, "The following goods are due to arrive", li tirreferi ghall-futur, hemm ukoll imnizzel,

"discharged at Hal Far bond", li tirreferi ghall-passat. Quindi l-merkanzija f'dak l-istadju diga kienet gol-*bonded stores* tas-socjeta' konvenuta f'Hal Far. F'dan id-dokument hemm ukoll il-kont tas-socjeta' konvenuta. Dan il-kont ukoll ghandu importanza massima fir-relazzjonijiet guridici bejn il-partijiet. Il-fatt li s-socjeta' konvenuta dehrilha illi man-*notice of arrival* kellha tibghat ukoll il-kont, tfisser illi l-kompiutu taghha fil-garr tal-merkanzija twettaq. Din ta' l-ahhar kienet fil-*bonds* taghhom lesta biex tingabar mir-rapprezentat ta' l-importatur. Quindi, ma kienx hemm aktar xi jsir ghal dik li hija l-operazzjoni tal-garr minn naha tas-socjeta' konvenuta, u bit-talba ghall-hlas qeda tibghat messagg illi l-kompitu taghha twettaq u ma hemm xejn aktar x'taghmel hlief li tircievi r-rikompens ghas-servizzi mibghuta u tinghalaq ir-relazzjoni kuntrattwali bejnithom.

Ikkunsidrat:

Peress illi hu presunt li l-kuntratti jigu mwettqa in buona fede, is-socjeta' Big Ben qaghdet fuq l-avviz u baghtet lir-rapprezentant taghha sabiex jirtira il-merkanzija. Izda din ma nstabitx. Quindi f'dan l-istadju, is-socjeta' konvenuta naqset li tesegwixxi dak illi gie kkuntrattat ghaliha u ma tistax targumenta li n-*notice of arrival* intbaghat qabel ma tasal il-merkanzija sabiex ma jinhelix zmien. Dana jista' jkun, pero', dak id-dokument huwa wiehed importanti fir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet peress illi huwa l-ahjar prova tal-konkluzjonijiet tar-rapporti kuntrattwali ta' bejnithom. Meta minkejja dak id-dokument, jirrizulta mod iehor, allura s-socjeta' konvenuta li baghtet dak id-dokument ghandha terfa' r-responsabbilita' ta' nuqqas ta' bona fede taghha. Ma kellha l-ebda dritt tibghat dak id-dokument minghajr ma l-ewwel tassigura li l-merkanzija qeda fil-pussess taghha fejn setghet liberalment tigi migbura mid-destinatarju.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi minkejja dak ill-xehed Noel Ellul a fol. 50, il-konsulent tad-ditta konvenuta, din ta' l-ahhar ghandha tkun responsabbli u l-kondizzjonijiet CMR ma japplikawx f'dan il-kaz ghax il-Qorti hija sodisfatta fi grad li trid il-ligi, li l-merkanzija waslet Malta, inharget mill-*container* u tpoggiet fil-*bonded stores* operati mis-socjeta' konvenuta u kienet li minn hemmhekk li l-merkanzija giet nieqsa. Ta' dan ghandha tkun responsabbli l-istess socjeta' peress illi bhala depositarja bi hlas, kellha tindokra l-merkanzija depositata f'idejha f'livell ghola ta' dak ta' "bonus pater familias", u tassigura illi l-merkanizja f'ahhar tasal ghand id-destinatarju. Haga illi ma ghamlitx.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallasha s-somma ta' tlett elef, u erbatax-il lira Maltin (Lm3,014) rapprezentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata tas-socjeta' attrici u spejjez tas-*survey* relattiv, waqt illi l-merkanzija kienet fil-kura u il-kustodja tal-konvenuta, liema konsenja waslet Malta fuq il-bastiment M V Victory fit-3 ta' Novembru 2003, liema danni gia thallsu mis-socjeta' attrici ai termini tal-polza relattiva.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.**"**

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta bl-aggravji li jsegwu:-

(1) L-ewwel Qorti ma ghameltx apprezzament korrett tal-provi u li, skond hi, kienu jistabbilixxu illi l-merkanzija ma tghabbietx fil-*container* u allura din ma wasletx Malta;

(2) Ghal fattispeci kienu, se mai, applikabbli il-Hague Visby Rules u mhux dawk tas-CMR. F’ kull kaz ghalhekk kellha tapplika l-limitazzjoni tar-responsabilita` kif prevvista taht l-imsemmija regoli (Hague Visby);

(3) Ukoll, f’ kull kaz, ma kellhiex tigi akkollata l-ispiza tas-*survey fees*;

Jirrizulta mill-atti illi s-socjeta` konvenuta appellanti nghatat l-inkarigu li ggib merkanzija mill-Italja destinata ghas-socjeta` importatrici Big Ben Interiors Limited. Mhux kontestat illi din il-merkanzija ma nstabetx u ma ghaddietx fil-pussess tas-socjeta` importatrici. Hu pero` kontrastat mis-socjeta` appellanti illi l-istess merkanzija qatt ma tghabbiet fil-*container* u qatt ma waslet fil-Bond taghha;

Evidentement, l-ewwel aggravju jirrigwarda eskluzivament materja ta’ fatt u kontestazzjoni tal-valutazzjoni tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Fuq ir-ri-ezami taghha tar-rizultanzi istruttorji, komprizi d-dokumenti annessi mis-socjeta` appellanti mar-rikors ta’ l-appell, din il-Qorti hi sodisfatta illi l-provi juru li l-merkanzija *de quo* waslet Malta u f’ dan ir-rigward il-konkluzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti qed jigu pjenament accettati;

F’ dan, il-Qorti ma tistriehx biss fuq l-awtorita` taghha imma ssib sostenn minn dawn l-elementi tal-provi u tal-kunsiderazzjonijiet dwarhom:-

(1) Minn *fax* mibghut mill-agent fl-Italja tas-socjeta` konvenuta illi l-merkanzija giet “*regolarmente sdoganata e caricata*”;

(2) Hu dan l-agent li di regola jiehu hsieb jimla l-Manifest u, skond ma xehed Lawrence Bugeja, *bond operator* tas-socjeta` appellanti, dan l-agent kien assikurahom li l-merkanzija ntbaghtet. Ara deposizzjoni ta’ dan ix-xhud a fol. 34;

(3) Mhix kontradetta x-xhieda ta’ Peter Saliba, responsabbli mill-*claims* tas-socjeta` attrici assiguratrici, illi l-*bond operator* tas-socjeta` appellanti kien infurmah illi mill-*container* inhattet il-merkanzija destinata lill-assigurat;

(4) Huwa veru li skond ma xehdu z-zewg *bond operators* Lawrence Bugeja (fol. 34) u Vincent Ciantar (Fol. 38), jekk il-partita rapprezentata fuq il-Manifest ma tkunx immarkata minnhom fil-forma ta’ cirku dan ifisser illi din baqghet “*not accounted for*”, avolja wkoll ikun hemm diga l-“*location number*” ghaliha fil-Bond, l-istess xhieda ma jonqsux milli jaggungu illi f’ dan il-kaz partikulari ma gietx segwita l-prattika illi fejn il-merce ma tkunx waslet jaghmlu nota fuq l-istess Manifest, kif ukoll rapport lill-ufficcju tal-kumpanija;

(5) Jirrizulta illi s-socjeta` appellanti rrealizzat illi l-merkanzija ma kientx fil-post allokat ghaliha wara li kienu diga` ghaddew xi hmistax-il jum mill-wasla tal-*container* u l-hatt tieghu. Ara xhieda ta’ Tonio Bone, direttur tas-socjeta` konvenuta, (fol. 40);

(6) L-ittra datata 4 ta’ Frar 2004 mibghuta mis-socjeta` importatrici u esebita mis-socjeta` appellanti flimkien mar-rikors ta’ l-appell ma taghmelx prova li l-merkanzija kienet effettivament “*short shipped*” imma biss li hekk intqal lilha mill-*bond operator* tas-socjeta` konvenuta meta l-burdnar mar biex jirtiraha mill-Bond;

Dan premess, l-attivita processwali tal-partijiet tartikola ruhha f’ allegazzjonijiet ta’ fatt, il-provi ta’ l-istess u dawk ta’ l-affermazzjoni ta’ l-effetti guridici naxxenti minnhom. Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-valutazzjoni minnha tar-rizultanzi probatorji, konsiderati fl-assjem taghhom, ma tistax tkun differenti minn dik tal-Qorti ta’ l-ewwel grad tant li l-Qorti ma ssibx li tista’ taccetta r-raguni ta’ indagini u ta’ apprezzament introdotta mis-socjeta` appellanti biex b’ hekk tissostitwiha ghal dik zviluppata u esplorata mill-ewwel Qorti. L-ewwelnett, ghaliex dik il-konstatazzjoni u dak l-apprezzament jinstab li hu logiku u koerenti ma’ l-elementi ta’ provi utilizzati, hekk sostenut minn

motivazzjoni adegwata. Fit-tieni lok, hu in sintonija mal-konvinciment ta’ din il-Qorti li s-socjeta` appellanti pprovat il-kaz taghha. Mhux l-istess ghamlet is-socjeta` appellanti. Konsegwentement, ma jistax ghalhekk jitqies fondat;

Fil-kaz tat-tieni aggravju jidher *a prima vista* li s-socjeta` appellanti qed tittanta tintroduci element gdid ta’ difiza biex tikkuntrasta t-talba attrici. Dan qed jigi rilevat ghax mentri quddiem l-ewwel Qorti hi eccepiet illi t-tragitt kien regolat bid-disposizzjonijiet tas-CMR, kif hekk ukoll sostenut minn Anthony Bone fix-xhieda tieghu, issa, f’ din is-sede, qed tissottometti illi t-trasport kellu jkun regolat skond il-kundizzjonijiet u t-termini tal-Polza tal-Kariku, ossija dik ta’ l-aspett guridiku illi l-materja kellha tkun determinata skond il-Hague Visby Rules. Din id-difiza ma tistax, lanqas virtwalment, titqies kompriza f’ dik l-ohra in kwantu fondata fuq kwalifikazzjoni guridika diversa. Anzi, tidher li hi mutament tat-termini oggettivi tad-difiza minn kif originarjament delinejati minnha bl-eccezzjoni. Rispettosament, ma jidherx li dan hu lecitu f’ din l-istanza ghax ikun ifisser li l-Qorti ta’ revizjoni jkollha tindahal biex tezamina punt gdid li dwaru ma ssofermatx l-ewwel Qorti, u dan mhux permissibbli;

Irid jigi kummentat, imbaghad, illi biex jiskaturixxu l-kundizzjonijiet tal-Polza kien jehtieg qabel xejn li jigi stabbilit illi n-nuqqas avvera ruhu waqt il-kors tat-trasport bil-bahar tal-merkanzija, u dan, kif irrizulta, ma huwiex il-kaz hawnhekk. Certament, fuq il-bazi tal-provi ottenuti u apprezzati r-responsabilita` tas-socjeta` appellanti kienet testendi oltre l-operazzjoni tal-garr mill-port ta’ karikazzjoni sal-port ta’ destinazzjoni jew sakemm il-*container* gie mahtut fil-Bond ta’ l-istess. B’ koeranza mal-valutazzjoni maghmula fejn gie determinat li n-nuqqas sehh wara li ntemm it-tragitt u l-merce kienet fil-Bond, l-ewwel Qorti sewwa assumiet il-figura tad-depozitarju u, allura, ta’ dak l-obbligu fis-socjeta` appellanti li tiehu hsieb il-merkanzija daqs kemm tiehu fil-kustodja ta’ hwejjigha (Artikolu 1899, Kodici Civili). Fl-ipotesi tad-depozitu salarjat, kif jidher li

hu l-kaz anke hawnhekk, ir-rigur ta’ tali kustodja hu fi grad izjed gholi u kien jimporta l-kompiment ta’ attivita specifka u l-adozzjoni ta’ kawteli ghal harsien tal-merkanzija u ta’ l-interessi tas-socjeta` importatrici. Dan kif provvdut fl-Artikolu 1900 tal-Kodici Civili u kif ahjar spjegat fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta’ Ottubru 1962 in re: “**Henry E. Zammit *nomine* -vs- Anthony Camilleri *nomine***”;

Fil-fattispeci, is-sottrazzjoni jew trafugament tal-merkanzija turi nuqqas ta’ dik l-akkortezza rigoruza fid-diligenza tas-socjeta` appellanti u allura din il-Qorti, ankorke kellha tintrattjeni ruhha mid-difiza tal-limitazzjoni tar-responsabilita` ventilata mis-socjeta` appellanti, ma tarax kif tista’ leggerment taccetta illi l-kwantum tad-danni jigi limitat in relazzjoni mal-piz tal-merce, meta hu hekk apparenti, fil-fattispeci, illi kien hemm negligenza, razenti l-*wilful misconduct* jew dik ta’ l-*equivalent default,* li teskludi din id-difiza;

Hemm qbil pero` li s-socjeta` appellanti ma kellhiex tigi addossata bl-ispiza tas-*survey* ghaliex, kif mistqarr minn Brian Valenzia, rapprezentant tas-socjeta` assiguratrici appellanti, “ma sar ebda *survey*” anke jekk hu jzid jiddikjara li sar xoghol investigattiv u anke xi korrispondenza. Ara xhieda tieghu a fol. 12 tal-process.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqghu limitatament ghall-aggravju dwar is-*survey fees*. Mill-kumplament il-kapi l-ohra ta’ aggravji qed jigu respinti u s-sentenza appellata, ikkonfermata. Konsegwentement il-Qorti qed tirreduci s-somma kanonizzata ghal elfejn disa’ mija u hdax-il lira Maltija (Lm2911), bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------